DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162296** **19.10.2016**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati nawgura l-wirja MISSIO 2016***

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura MISSIO 2016 il-Wirja ta' Arti Afrikana u Peruvjana Bantu / Nazca mtella' mill-Uffiċċju Missjunarju ta' Malta u Għawdex.

L-Ispeaker Farrugia sellem lill-missjunarji Maltin, Għawdxin u oħrajn li ħallew il-kenn ta' djarhom u ta' pajjiżhom sabiex jgħinu u jagħtu tama liż-żgħir u lill-fqir kemm b'mod reali, kif ukoll, fl-ispirtu. L-Ispeaker qal li ta' kuljum, il-missjunarji jagħtu ħajjithom lil oħrajn mingħajr ma jitolbu xejn lura u l-frott tagħhom jidher fil-bini ta' djar għal min m'għandux saqaf, fil-bjar ta' ilma frisk għal min hu bil-għatx, fl-iskejjel sabiex joktor it-tagħlim u tingħeleb l-injoranza, fil-bini ta' kliniċi u anke sptarijiet sabiex jikkuraw lill-morda, fil-ħwienet tax-xogħol u l-imħażen sabiex dawn il-popli żgħar jibdew ifendu għal rashom u jitjieb l-għejxien tagħhom.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati appella sabiex il-poplu Malti u Għawdxi jissokta bl-appoġġ tiegħu lill-missjunarji u jkompli fuq it-tajjeb tal-imgħoddi tiegħu.

Huwa tenna l-appell tiegħu lill-poplu Malti u anke lill-awtoritajiet Maltin sabiex ikunu aktar ġenerużi f'ħidmet il-Missjunarji Maltin f'artijiet oħra, u aktar ġusti mal-immigranti dgħajfa u sinċiera f'pajjiżna.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**